# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 602/2016

**Il-Pulizija**

**vs**

**Etienne Micallef**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Etienne Micallef, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 123575M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli minn Frar 2016 sa Gunju, 2016 f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat skont Kap 9 tal-Artikolu 18 naqas li jaghti lil Nadia Micallef is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu u/jew martu fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma skont Kap 9 Artikolu 338(z)

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tad-29 ta' Novembru, 2016 li biha wara li rat l-Artikoli 338(z), 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni dedotta mill-prosekuzzjoni u ikkundannatu ghal xahrejn prigunerija;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Etienne Micallef, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-9 ta' Dicembru, 2016, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha thassar u tbiddel s-sentenza tal-Ewwel Qorti billi tiddikjara lill-appellanti mhux hati u dana minhabba nuqqas ta' provi. Subordinatament fil-kaz ta' sejbien ta' htija, tirriformaha u tvarjaha ghal dik li hija l-piena nflitta billi taghti piena aktar xierqa u gusta ghac-cirkostanzi.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet ix-xhieda;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellant ressaq zewg aggravji dwar is-sentenza appellata izda fl-udjenza tal-lum huwa irtira l-ewwel aggravju wara li hallas il-manteniment minnu dovut lill-kwerelanti u b'hekk jonqos biss li jkun kunsidrat it-tieni gravami, dak rigwardanti l-piena kominata mill-ewwel Qorti;
2. Qabel kull konisderazzjoni ohra, izda, tajjeb li jinghad illi quddiem din il-Qorti, l-kwerelanta xehedet illi l-appellant issalda d-debitu tieghu

u dan ser ikun mehud in konsiderazzjoni anke jekk il-pagament, in ottemperament tal-obbligi tieghu, sar seduta stante;

3. Issa ghalkemm mhux normali li din il-Qorti bhala Qorti ta' Appell Kriminali tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti kwantu l-piena erogata, madanakollu l-iskop tal-legislatur kif espress fl-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali intlahaq proprju bid-dikjarazzjoni ta' hlas tal-ammont kollu dovut;

4. Ghal dawn il-motivi, u f'dawn ic-cirkostanzi, filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-appellant ghat-tahsir u tibdil tas-sentenza appellata, tilqa' t-tieni talba u tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti li biha sabet lill-appellant hati tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannatu ghal-terminu ta' xaharejn prigunerija u minflok tikkundannah ghal-piena ta' hamsa u ghoxrin euro (€25) ammenda.

**(ft) Giovanni M. Grixti**
**Imhallef**

**Vera Kopja**

**Christopher Camilleri**
**Deputat Registratur**